MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 49

12 ta' Jannar 2016

Minuti tas-seduta Nru. 49 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 12 ta' Jannar 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. Is-Sindku laqa' lill-Kunsillier D. Vella wara assenza ta' seba' seduti minħabba li kien rikoverat fl-isptar.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti. Is-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 4.8.3. u pproponiet li din tinqara hekk:

*"4.8.2. Is-Sinjura Stellini għarrfet ukoll li fil-5 ta' Diċembru 2015 hija attendiet seminar li kien organizzat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Il-Kummissarju, is-Sur Emanuel Buhagiar, stqarr li jkun dispost li jgħin lill-Kunsilli Lokali li għandhom l-intenzjoni li jsewwu qtates illi jkunu jiġġerrew fit-toroq tal-lokalita` tagħhom. Is-Sur Buhagiar talab lill-Kunsill jgħin biex il-pubbliku jkun aktar infurmat b'din l-inizjattiva, billi jitqassmu fuljetti dwarha mill-uffiċċju tal-Kunsill.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti bl-emenda skont il-minuta 1.1. aktar 'il fuq, u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Tibdil fir-rotot tal-karozzi tal-linja (T/5/1/Vol II)

2.1.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li minn meta daħal fis-seħħ tibdil fil-servizz tal-karozzi tal-linja, fl-1 ta' Jannar 2016, waslulu l-kummenti segwenti:

(a) Ir-rotot 221 (Ċirkewwa / Buġibba) u 222 (Ċirkewwa / Sliema) għandhom jibqgħu bi frekwenza ta' 30 minuta, mhux kull siegħa l-ħin kollu;

(b) L-aħħar ħinijiet fuq ir-rotot 41 (Ċirkewwa / Msida/ Valletta) u 42 (Ċirkewwa / Fleur-de-Lys / Valletta) għandhom ikunu fil-11.00pm, mhux fl-10.30pm;

(c) Rotta 101 (Ċirkewwa / Mellieħa / Manikata / Ġnejna) għandha tidħol Triq Qasam Barrani fil-Mellieħa, fejn hemm id-dar tal-anzjani, kumpless sportiv u l-Iskola Primarja, l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, u l-uffiċċju tal-Posta;

(d) Ir-rotta X1 (Ċirkewwa / Ajruport) għandha tibqa' tgħaddi miċ-ċentru tal-Mellieħa (Triq il-Marfa, Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier), minħabba l-preżenza ta' turisti fil-lukandi u appartamenti li jeħtiġilhom jużawha għall-ajruport;

(e) Kien hemm kummenti pożittivi dwar it-tneħħija tal-*interchange* ta' Triq l-Iżkark tal-Franċiżi (Belleview) minħabba li kien qed jinħela ħafna ħin u kkawżat inkonvenjent għar-residenti tal-madwar; u

(f) Kien hemm ukoll rejazzjoni pożittiva għall-introduzzjoni ta' rotta 49 (Armier / Salina / Naxxar / Lija / Valletta), kif ukoll rotta 250 (Ċirkewwa / Mosta / Lija / Mater Dei / Universita`).

2.1.3. Dwar id-(d) aktar 'il fuq, is-Sindku qal li qed issir pressjoni mill-*Front Favur il-Mina* biex ir-rotta X1 tibqa' tgħaddi mill-*bypass* tal-Mellieħa biex l-Għawdxin li jiġu għax-xogħol Malta ma jitilfux ħin. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta li l-iskop aħħari ta' din ir-rotta huwa li jintlaħaq l-ajruport. Kompla jgħid li tista' issir proposta biex il-karozzi tal-linja fuq din ir-rotta, fi triqthom lejn l-ajruport, jibqgħu jieqfu fuq żewġ *bus stops* biss, iżda minflok jieqfu fuq dak ta' Triq il-Kbira (Selmun *roundabout*) jintuża dak li hemm fl-istess triq, li jinsab bejn Triq in-Naħal u Triq l-Etna.

2.1.4. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa.

## 2.2.1. Reviżjoni ta' *bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-beraħ (B/5/Vol IV)

2.2.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u spjega li wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn attivitajiet regolati mill-Avviż Legali 119 tal-2002 u dawk li jaqgħu taħt il-*bye-laws* imsemmija hawn fuq. Is-Sur J. Buttigieq kompla jgħid li attivitajiet li jinvolvu divertiment okkażjonali bħal *team building events,* riċevimenti fil-beraħ, u attivitajiet soċjali, jaqgħu taħt l-avviż legali, filwaqt li *barbecues*, ikkampjar u *caravans* biss huma regolati bil-*bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009.

2.2.3. Is-Sindku qal li wieħed m'għandux jinnega l-ispontanjeta` li spiss ikun hemm f'divertiment bħalma huma l-*barbecues*, bejn numru żgħir ta' persuni, li normalment isiru b'mod spontanju, partikularment fi tmiem-il ġimgħa. Huwa qal li f'dan ir-rigward, il-pubbliku m'għandux jiġi 'iffastidjat' bil-ħtieġa li jottjeni permess. Għal din ir-raġuni huwa rrakkomanda li *barbecues* għal inqas minn għaxra għandhom jiġu eżentati mill-jottjenu permess. Għaldaqstant il-*bye-law* 4.4. trid tinqara hekk:

*"4.4. L-ebda permess, ma għandu jingħata sakemm l-applikant ma jħallasx dritt lill-Kunsill ta' ħames euro (€5) għal kull jum li matulu jkun ser jitqiegħed kamp, gazebo ~~jew caravan, jew ikun ser jiġi organizzat xi tisjir fil-miftuħ~~:*

*Iżda l-ebda permess ma jkun meħtieġ skont id-dispożiżżjonijiet ta' dawn il-bye-laws, sabiex isir tisjir fil-beraħ għal miġemgħa ta' inqas minn għaxar persuni.".*

2.2.4. Is-Sur J. Buttigieg issuġġerixxa wkoll li għandha tiżdied bye-law ġdida li titkellem speċifikament fuq tisjir fil-beraħ illi tinqara kif ġej:

*"4.5 L-ebda permess, ma għandu jingħata għal tisjir fil-beraħ, sakemm l-applikant ma jħallasx dritt lill-Kunsill ta' ħames euro (€5) kull jum li fih isir din l-attivita`:*

*Iżda l-ebda permess ma jkun meħtieg skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-bye-laws, sabiex isir tisjir fil-beraħ għal miġemgħa ta' inqas minn għaxar persuni.".*

2.2.5. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li bl-emenda proposta fil-minuta 2.2.3. aktar 'il fuq, kollox ser jibqa' kollox l-istess f'dak li jirrigwarda l-*barbecues*, u għalhekk xorta waħda ser jibqa' lok li wieħed jaħrab il-*bye-laws* meta fil-verita` jkunu jinvolvu miġemgħa ta' persuni aktar minn għaxra.

2.2.6. Il-Kunsillier P. Cutajar irrimarka li dan l-inkonvenjent imsemmi fil-minuta 2.2.3., jista' jiġi eliminat bl-użu tal-internet sabiex ikunu jistgħu jsiru ħlasijiet onlajn.

2.2.7. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li fir-rigward tal-Kunsilli Lokali għad ma ġietx introdotta s-sistema ta' ħlasijiet onlajn. Minkejja dan, is-Sur C. Debono qal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jista' jiġi mistoqsi dwar jekk hemmx pjanijiet li tali sistema tiġi ntrodotta.

2.2.8. Fid-dawl tal-minuta 7.3. tas-seduta preċedenti, il-Kunsill ikkonferma d-deċiżjoni meħuda fis-seduta preċedenti, li tisjir fil-beraħ ikun jista' jsir f'kull parti tal-Bajja tal-Għadira, sakemm ma jsirx użu mill-faħam. Kien hemm qbil li din il-konċessjoni għandha tkun sostnuta permezz ta' infurzar każwali mill-Uffiċjali tal-Komunita` mgħejjuna mill-Pulizija.

2.2.9. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-pożizzjoni tal-*caravans* fil-Qortin it-Twil fejn qed jiġu ttollerati mid-Dipartiment tal-Artijiet wara li dawn kienu tneħħew mill-Għadira. Fuq proposta tas-Sindku, kien hemm qbil li dawn għandhom ikunu regolati kemm bħala lokazzjoni, kif ukoll fin-numru permezz tal-permess taħt dawn il-*bye-laws* għal perjodu bejn il-15 ta' Ġunju u l-21 ta' Settembru.

2.2.10. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier E. Bartolo, kien hemm qbil li għall-ewwel 15-il jum għandu jitħallas dritt ta' €5 kull jum, filwaqt li ġranet li jiġu wara jitħallsu €2 kuljum, sa massimu ta' 83 ġurnata. Ġie deċiż ukoll li l-*policy* li tirregola t-tqegħid ta' *caravans* u *campers* għandha tibqa' fis-seħħ.

2.2.11. Billi d-domanda għat-tqegħid ta' *caravans* fil-Qortin it-Twil qed tissupera l-ispażju eżistenti, il-Kunsill kien tal-fehma li n-numru f'dan il-post m'għandux jaqbeż l-għoxrin *caravan* jew *camper*. Kien hemm qbil ukoll li għandha tiġi kkunsidrata medda oħra ta' art li tinsab fl-inħawi Tal-Prajjet, biswit ir-rampa li tagħti għall-moll, li tkun tieħu sa massimu ta' għaxar *caravans*.

### 2.3.1. Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta ta' qabel u qal li ntbagħtu ittri liż-żgħażagħ kollha, bejn sittax u tmintax-il sena, li isimhom jidher fuq ir-Registru Elettorali ta' Ottubru 2015.

2.3.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.4.1. PA 2481/13 - Aċċessibilta` fl-Irziezet ta' Selmun (P/10/3/Vol III)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-perit bagħat pjanti riveduti lill-MEPA, dwar l-aċċessibilita` għall-persuni b'diżabilita` fl-*interpretation centre* tal-*heritage trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Servizz dwar tiswija tal-qtates (A/9)

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 4.8.1. tas-seduta preċedenti u staqsiet dwar jekk sarx kuntatt mal-Mellieħa Scout Group dwar iż-żamma tal-qtates waqt il-konvalixxenza tagħhom wara li jkunu ġew imsewwija.

2.5.3. Is-Sindku wieġeb li ser issir laqgħa għal dan il-għan mal-Mellieħa Scout Group fid-19 ta' Jannar 2016 fis-6.00pm.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 08/01/16;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 25/11/15 – 29/12/15
- Skeda ta' Pagamenti – 25/12/15 – 08/01/16;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Skedi dwar l-Estimi Finanzjarji 2016 – L-Ewwel Abbozz

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1.** Ma nqrat ebda korrispondenza.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 8 ta' Jannar 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*Petty Cash*, li tkopri bejn il-25 ta' Novembru u d-29 ta' Diċembru 2015.

6.3. Ġiet ippreżentata wkoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn il-25 ta' Diċembru 2015 u t-8 ta' Jannar 2016.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi.

6.5. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Konsultazzjoni pubblika (P/5/4/Vol II)

7.2. Saret referenza għal imejls datati 18 ta' Diċembru 2015, mibgħuta mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fejn tħabbar li sal-5 ta' Frar 2016, l-istess awtorita` ser tkun qed tikkonsulta lill-pubbliku dwar:

(a) l-għoli tal-bini ta' djar għall-anzjani;
(b) linji gwida supplimentari fuq *shooting ranges*; u
(c) l-impatt ta' postijiet użati għal qima religjuża.

7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li fattur komuni li jolqot kemm l-għoli tal-bini ta' djar għall-anzjani, kif ukoll il-postijiet użati għall-qima reliġjuża, huwa li jkun hemm faċilitajiet ta' parkeġġ proporzjonati mal-kapaċita` tal-post in kwistjoni, flimkien mat-tip ta' toroq li jwasslu għal dawn it-tip ta' faċilitajiet. Flimkien ma' dan jeħtieġ li l-pubbliku jiġi mħajjar juża t-trasport pubbliku biex iżur id-djar għall-anzjani u sabiex b'hekk jonqos l-użu ta' vetturi privati.

7.4. Sabiex ma tiġix ikkawżata konġestjoni tat-traffiku u skarsezza ta' spazju għall-ipparkjar, il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tittieħed in konsiderazzjoni l-eżistenza ta' binjiet oħra li jattiraw lill-pubbliku fl-istess , bħalma huma skejjel, uffiċini u postjiet tax-xogħol oħra, li jżidu d-domanda għall-ipparkjar,.

7.5. Dwar l-għoli *per se`,* il-Kunsill qabel li wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni t-topografija u d-distanza mill-bini tal-madwar sabiex dawn ma jiċċaħdux minn sorsi ta' enerġija li tiġġedded, bħalma hija x-xemx.

7.6. Fir-rigward ta' postijiet għall-qima riliġjuża, il-Kunsill kien tal-fehma li d-domanda għal żvilupp ta' dan it-tip f'Malta tista' tkun marbuta mar-religjonijiet Insara u dawk Musulmani. Il-postijiet ta' qima tat-tnejn huma jistgħu jikkawżaw ħsejjes bid-daqq tal-qniepen mill-knejjes u bis-sejħa tal-muezzin mill-minaret tal-moskej. Il-Kunsill osserva li d-daqq tal-qniepen huwa parti mill-kultura ta' popolazzjoni li fil-parti l-kbira hija ta' orjentazzjoni Kristjana, u għalhekk fil-kuntest Malti dan huwa iktar aċċettabbli mis-sejħa tal-muezzin. Is-sitwazzjoni tkun bil-maqlub f'pajjiż fejn tiddomina r-reliġjon Musulmana. Għaldaqstant, meta l-MEPA tiġi biex tikkonsidra żvilupp konness ma' postijiet ta' qima reliġjuża għandha tieħu in konsiderazzjoni l-kultura u t-tradizzjonijiet tal-pajjiż fid-dawl ta' żviluppi soċjo-ekonomiċi, pjuttost riċenti, li għollew il-ħtieġa ta' moskei.

7.7. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-linji gwida diġa fis-seħħ fir-rigward tax-*shooting ranges* jkopru l-aspetti kollha relatati u għalhekk m'hemmx lok li jsiru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA f'dan ir-rigward.

**8.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo, li tgħid:**

***"Peress li l-kuntratt illi jipprovdi għat-Tindif u Żamma tal-Latrini Pubbliċi, mħaddem minn Absolute Cleaners Ltd skada u għaldaqstant saret sejħa għall-offerti (8/2015) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);***

**Billi s-seba' offerti li saru ġew evalwati fid-dettal mit-*Tender Adjudication Board*, liema Bord ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill skont il-minuti tat-12 ta' Novembru 2015;**

**Billi saru intervisti lill-offerenti li qabżu t-*threshold* tal-ħlasijiet li jaqgħu fil-prekarjat stabbiliti mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi, skont rapport datat 16 ta' Diċembru 2015; u**

**Billi fl-Estimi Finanzjarji għas-sena finanzjarja 2016, il-Kunsill allokata fondi sabiex jintefqu fuq is-servizz in kwistjoni taħt il-vot 3053;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Antoine Fenech għal perjodu ta' tliet snin, b'effett mill-1 ta' Frar 2016, bir-rati inklużi fl-offerta tagħhom.". (L/3/Vol II)**

8.2. Is-Sindku J. Buttigieg ħareġ mill-kamra fid-dawl tad-dikjarazzjoni li għamel dwar din il-materja f'seduti preċendenti.

8.3. Fid-dawl tad-diskussjonijiet li kien hemm qabel dwar dan is-suġġett, il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-Kunsillieri preżenti. Għaldaqstant kien hemm qbil li din id-deċiżjoni, kif ukoll il-kriterji li fuqhom kienet imsejsa, għandhom jiġu komunikati lill-offerenti kollha.

**9.1. Estimi Finanzjarji 2016 (F/1/27)**

9.2. Is-Segretarju rrefera għall-abbozz tal-Estimi 2016 li tqassmu lil kull kunsillier qabel is-seduta. Kopja tal-istess estimi qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

9.3. Is-Segretarju spjega li meta wieħed jara d-dħul kontra l-infieq li kien hemm fis-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2015, huwa mistenni li din tingħalaq b'bilanċ pożittiv ta' ftit iktar minn €66,000. Jirriżulta wkoll mir-rapport tal-udituri li fl-1 ta' Jannar 2015 kien hemm bilanċ fil-kontijiet tal-bank ta' €685,092 (fl-2014 kien €759,763). Dan għamilha possibbli li s-sena finanzjarja 2016 tibda b'bilanċ pożittiv li jlaħħaq 'il fuq minn €751,500, wara li nqatgħu l-ispejjeż previsti tal-2015. Huwa stmat ukoll li fis-sena 2016 ikun hemm dħul ieħor aparti l-allokazzjoni annwali li jlaħħaq €251,598, mill-Fond għat-Titjib Urban u mill-*Environment Initiatives in Partnership Programme* (MEPA), mill-iskemi, u drittijiet li jitħallsu għall-ħruġ ta' permessi, eċċ. Flimkien ma' dawn ser ikun hemm l-Allokazzjoni Annwali mill-Gvern Ċentrali, li din is-sena se tlaħħaq €1,068,841 – żieda ta' €24,554 fuq tas-sena l-oħra.

9.4. Is-Sur C. Debono spjega li n-nefqa rikorrenti hija stmata li tlaħħaq €1,062,000 li 13% minnha ser jintefqu fuq Salarji, 29% tmur fuq l-Amministrazzjoni, 16% fuq Tiswijiet u Manutenzjoni, filwaqt li 43% ser tintefaq fuq Servizzi Kuntrattwali. In-nefqa rikorrenti għall-2016 mistennija li tiżdied fuq dik stmata għall-2015 bi 23%. Din iż-żieda jkollha ssir minħabba l-ispejjeż ta' kuntratti ġodda li ngħataw fir-rigward tal-Ġbir tal-Iskart Organiku, jew oħrajn li ser jingħataw matul l-2016 bħal fil-każ tal-Latrini Pubbliċi, il-Tindif ta' Toroq Urbani u l-Ġonna Pubbliċi. Jeħtieġ li t-toroq li ngħataw bit-tarmak matul is-snin ma jiġux traskurati u għalhekk żdiet il-vot 2311 tat-Tiswija u Manutenzjoni . Is-Segretarju tenna li meta jiżdiedu l-proġetti kapitali, kif ġara matul is-snin, tiżdied ukoll l-ispiża rikorrenti biex dawn jinżammu fi stat tajjeb.

9.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-vot 7210 dwar it-Titjib fl-Uffiċċju Amministrattiv, u pproponiet li tinbidel is-sistema tal-PABX sabiex wieħed ikun jista' jkellem lill-uffiċjali tal-Kunsill direttament minn barra l-uffiċċju, peress li attwalment qed ikun dewmien biex wieħed jagħmel kuntatt.

9.6. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ssuġġerixxa wkoll li taħt il-vot 7210 għandu jiġi nstallat *server* tal-kompjuter.

9.7. Is-Segretarju wieġeb li l-ammont ta' €15,000 fil-vot 7210 għandu jkun biżżejjed biex jinxtraw u jiġu nstallati sistema tat-telefon ġdida u *server* tal-kompjuter. Kemm-il darba dawn jiġu approvati mill-Kunsill ikunu jistgħu jibdew il-kuntatti sabiex jitfassal id-dokumenti tal-offerta.

9.8. Is-Sindku rrefera għall-vot 7518 u ppropona li jitwettaq il-proġett ta' tisbiħ ta' Triq San Publiju billi l-permess tal-MEPA ħareg. Huwa qal li dan, possibilment jitwettaq sas-sajf peress li jinvolvi żona turistika.

9.9. Is-Sur J. Buttigieg rrefera wkoll għall-vot 7527 u ssuġġerixxa li għandu jinbeda x-xogħol ta' tindif u skavar tas-sit li jinsab bejn Triq l-Etna, Triq Mons. Franġisk Sciberras u Triq l-Għasel, li huwa wkoll kopert bil-permess tal-MEPA.

9.10. Fuq il-vot 7505, dwar ir-restawr tal-Batterija ta' Westreme, is-Sindku qal li huwa tal-fehma li x-xogħol m'ghandux jinbeda jekk ma jinġiebx finanzjament mill-*Environment in Initiatives in Partnership Programme* tal-MEPA, jew minn sorsi oħra. Minkejja dan, huwa ma jara xejn ħażin jekk il-Kunsill jikkontribwixxi għall-parti mill-ispiża permezz tal-fondi ordinarji tiegħu.

9.11. Fid-dawl tal-proposti li saru, il-Kunsill qabel li l-ispiża kapitali tkun kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| 7210 | Titjib fl-Uffiċċju tal-Amministrattiv | 15,000.00 |
| 7220 | Dwal Ġodda fit-Toroq | 164,689.00 |
| 7230 | Għamara tat-Toroq | 2,000.00 |
| 7310 | Tagħmir tal-Uffiċċju | 1,500.00 |
| 7311 | *Hardware* tal-Komputer | 5,000.00 |
| 7502 | Kisi ta' Toroq bit-Tarmak | 265,000.00 |
| 7504 | Dwal madwar il-Knisja tal-Manikata | 2,700.00 |
| 7505 | Tisjiet u Restawr tal-Batterija ta' Westreme | 30,000.00 |
| 7507 | Dwal Ornamentali fi Triq il-Parroċċa | 23,000.00 |
| 7512 | Kostruzzjoni ta' Spralli għall-Ilma tax-Xita | 50,000.00 |
| 7518 | Tisbiħ ta' Turġien fi Triq San Publiju, Triq il-Mitħna l-Qadima | 135,000.00 |
| 7520 | Tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata. | 15,000.00 |
| 7525 | Bandli ġodda fi *Playing Field* ta' Ġnien il-Qigħan | 34,000.00 |
| 7527 | Ġnien Pubbliku fil-wesgħa bejn Mons F Xuereb/Nahal/Etna | 80,000.00 |
| 7528 | Restawr ta' Taraġ bejn Triq il-Marfa u Triq Dun F. Sciberras | 20,000.00 |

9.12. Il-Kunsill qabel ukoll li l-laqgħat annwali tal-lokalita` għandha ssir fis-27 ta' Jannar fis-Sala tal-Kunsill u fit-28 ta' Jannar 2016 fis-Sala Parrokkjali fil-Manikata.

**10.1. Sejħiet għall-Offerti dwar:**

(a) *Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari - (T/4/13/Vol IX);

(b) *Contract Management – Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari - (T/4/13/Vol IX);

(c) Żamma u Manutenzjoni ta' Parki u Ġonna – (K/6/5/3/Vol II);

(d) Żamma u Manutenzjoni ta' Qsari f'Misraħ il-Parroċċa, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u Postijiet Oħra – (K/6/5/3/Vol II);

(e) Tindif ta' Toroq Mhux Urbani – (T/4/6/Vol IV); u

(f) Issettjar u Stampar tal-Magazin tal-Kunsill – (P/3/2/Vol IV)

(g) *Contract Management* (Operazzjonijiet Ġenerali) u Servizzi Anċillari - (K/6/5/2)

10.2. Is-Segretarju għarraf li l-kuntratti msemmija hawn fuq għalqu tard fl-2015, jew ser jiskadu kmieni fl-2016. Huwa għalhekk staqsa dwar jekk jarawx li hemm lok ta' tibdil fihom qabel isiru s-sejħiet għall-offerti.

10.3. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni għad-deċiżjoni li ttieħdet fil-minuta 10.1. tas-Seduta Nru. 46 tad-19 ta' Novembru 2015, fejn ġie deċiż li s-*soft area* konfinanti minn Triq il-Wied ta' Ruman, Triq il-Marlozz u Triq il-Marfa għandha tiġi nkluża fil-kuntratt dwar iż-Żamma u Manutenzjoni ta' Parki u Ġonna.

10.4. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru s-sejħiet imsemmija bid-dokument tal-offerta f'kull każ jinħareġ wara li jitħallas dritt ta' €20.

**11.1. Espressjoni ta' interess dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)**

11.2. Is-Sindku aċċenna għat-talba li saret lill-Kummissarju tal-Artijiet dwar il-ħruġ ta' sejħa għall-interess, bil-għan li it-torri msemmi jiġi rrestawrat u kustodit kif suppost minn xi entita` volontarja kompetenti f'dan il-qasam. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li l-konsulent legali tal-Kunsill kien għadda abbozz ta' ittra li kellu jibgħat minn naħa tiegħu, liema abbozz ġie approvat minnu u s-Segretarju Eżekuttiv fit-28 ta' Diċembru 2015.

11.3. Is-Segretarju ntalab jippreżenta kopja tal-ittra finali mibgħuta mill-konsulent legali lill-Kummissarju tal-Artijiet.

**12.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)**

12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet lis-Sinjura Moira Crosse tiġi fdata bil-kordinazzjoni tal-ħarġiet kulturali. Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sinjura Crosse hija għalliema tal-istorja u gwida tat-turisti u għalhekk għandha esperjenza f'dan il-qasam. Hija qalet li l-ħlas li jsir minn min jattendi jkun ta' €13, li jkopri l-ispejjeż tal-kordinattriċi, it-trasport, id-dħul f'mużewijiet eċċ, kif ukoll waqfa għal kafe`. Rappreżentant mill-Kunsill ikun jista' jattendi mingħajr ħlas.

12.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

12.4. Is-Sinjuri Brincat Stellini pproponiet li l-ħarġa li jmiss issir għal Bormla fil-Bir Mula *Heritage Museum and Gallery* fil-25 ta' Frar 2016.

12.5. Il-Kunsill approva s-suġġeriment.

**13.1. Seminar għall-Kunsillieri u l-Impegati tal-Kunsill (E/3/2/Vol II)**

13.2. Is-Sindku rrefera għas-seminar immexxi mis-Sur Adrian Mifsud li sar fis-Sala tal-Kunsill nhar is-Sibt 9 ta' Jannar 2016, bejn id-9.00am u s-1.00pm. Is-Sur J. Buttigieg qal li t-temi trattati kienu relevanti ħafna ma' l-operat ta' kunsill lokali billi kienu jinvolvu:

(a) It-tħaddim tal-prinċipji ta' governanza tajba addottati mill-Kunsill tal-Ewropa;

(b) L-użu tal-media soċjali biex jiġi proġettat l-*image* tal-Kunsill mal-pubbliku;

(c) Imġieba tal-membri eletti u l-impjegati tal-Kunsill quddiem kritika destruttiva;

(d) Il-kapaċita` li wieħed jgħid le b'ġustifikazzjoni;

(e) Il-kollaborazzjoni ma' lokalitajiet tal-qrib fl-għoti ta' kuntratt bil-għan li wieħed jottjeni *economies of scales*;

(f) Introduzzjoni ta' metodi ntiżi sabiex jitkejjel l-andament tas-servizzi mogħtija mill-Kunsill u skambju dwar l-aħjar prattiċi ma' kunsilli oħra Maltin u barranin;

(g) Ħtieġa li jitfassal pjan strateġiku flimkien mal-partijiet involuti kollha bil-għan li jiġġwida l-ħidma tal-Kunsill fuq medda ta' snin;

(h) L-importanza li l-*policies* addottati mill-Kunsill ikunu msejsa fuq evidenza miġbura permezz ta' sondaġġi, kwestjonarji eċċ;

(i) Tfassil tal-ħidmet il-Kunsill skont il-mezzi finanzjarji disponibbli u għarfien tal-effetti fuq in-nefqa rikorrenti bl-implementazzjoni ta' proġetti kapitali; u

(j) Il-ħtieġa li jittieħdu riskji kkalkulati li ma jikkawżawx riżultati li l-Kunsill ma jkunx f'pożizzjoni li jassorbihom, kemm-il darba l-affarijiet ma jmorrux kif mixtieq.

13.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li kien ta' sodisfazzjon li attendew il-Kunsillieri kollha, bl-eċċezzjoni tas-Sur D. Vella li kien indispost, flimkien mal-impjegati kollha tal-Kunsill. Għalaq billi fi ftit taż-żmien ieħor isir seminar ieħor anke bil-għajnuna ta' kelliema oħra.

13.4. Il-Kunsill innota u approva l-proposta tas-Sindku.

## 14.1. Ġabra tal-ħġieġ fl-ewwel ġimgħa tax-xahar (K/6/11)

14.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-fatt li nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Jannar 2016 Green MT Ltd ikkanċellat il-ġabra tal-ħġieġ, peress li nżertat festa. Kompla jgħid li kien hemm diversi residenti li lmentaw illi ma ngħatatx data alternattiva. Għalhekk ser ikun hemm interval ta' xahrejn, f'perjodu li l-aktar jiġi ġġenerat dan it-tip ta' skart. Is-Sur C. Bartolo qal li wieħed għandu joqgħod attent li dan in-nuqqas ma' jiġix ripetut, filwaqt li r-residenti għandhom ikunu nfurmati minn qabel bid-dati tal-ġbir bieb-bieb matul is-sena kollha.

14.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 15.1. Kalendarju ta' attivitajiet kulturali organizzati mill-Kunsill (A/5/5/Vol VIII)

15.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li l-attivitajiet kulturali ewlenin tal-Kunsill matul l-2016 ikunu kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| 2, 3, 4, u 5 ta' Ġunju | Festival Internazzjonali tal-Mużika |
| 23 ta' Ġunju | Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħgejjeġ |
| 1, 8, 15, u 22 ta' Lulju | L-Arti fil-Misraħ |
| 28 ta' Lulju | Jum il-Kunsill tal-Mellieħa |
| 29, 30, u 31 ta' Lulju | L-Ijieli Melleħin |
| 9, 10, 11 u 12 ta' Diċembru | Milied Mellieħi |

15.3. Is-Sur C. Bartolo qal li ser isir sforz sabiex fl-istess jiem tal-Ijieli Melleħin tiġi organizzata konferenza kofinanzjata bejn il-Kunsill u mill-Programm *Europe for Citizens* tal-Unjoni Ewropea, bil-parteċipazzjoni tal-lokalitajiet ġemellati.

15.4. Is-Sindku fakkar ukoll li l-2016 taħbat l-għoxrin anniversarju mill-iffirmar tal-ġemellaġġ Mellieħa – Adenau u għalhekk ikun xieraq li ssir kommemorazzjoni ta' dan l-avveniment.

15.5. Il-Kunsill innota u approva d-dati mogħtija.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-11.00pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tlieta, 26 ta' Jannar 2016 fis-7.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**